MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 586/1998/1

**"A"**

**vs**

**"B"**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Marzu 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Marzu 1975.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' swat, theddid, mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi b'mod li llum iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi b'digriet numru 52/98 tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 22 ta' Jannar 1998 l-attrici giet awtorizzata minn dik il-Qorti sabiex tipprocedi bl-istanti kontra l-konvenut;

Illi kull tentattiv ghal rikonciljazzjoni falla jew gie newtralizzat mill-agir vjolenti tal-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba eccessi, sevizzi u ngurji gravi kommessi minnu fil-konfront ta' l-attrici u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli ghalih;

2. Fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** tikkundanna lill-konvenut ihallasha manteniment jew somma globali, u dan kif jidhrilha xieraq il-Qorti fic-cirkostanzi;

3. Tapplika kontra l-istess konvenut l-effetti ta' l-artikoli **48 u 50 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan fejn applikabbli;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut mhux necessarjament f'porzjonijiet ugwali u b'riserva ghal kwalunkwe ordni li tista' taghti dina l-Qorti in vista ta' l-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat li b'digriet datat l-1 ta' Marzu 1999 din il-kawza giet appuntatata ghas-smiegh ghad-29 ta' April 1999 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-30 ta' Marzu 1998 a fol. 5 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi bosta mit-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi jinghad li fic-citazzjoni pprezentata mill-attrici hemm bosta nkorrettezzi fosthom li l-kontendenti ghandhom erba' wlied b'ismijiet diversi. L-unici zewg ulied li kellhom il-kontendenti huma "D", illum maggorenni, u l-minuri "C" li wkoll waslet biex issir maggorenni.

2. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejn u bejn martu *stante* li z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabbilment b'tort uniku ta' martu;

3. Illi mhux minnu li l-esponenti rrenda ruhu hati ta' dak li qieghda tallega l-attrici, u cjoe' ta' swat, theddid, mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi.

4. Illi l-htija tat-tifrik taz-zwieg tal-konjugi Borg hija mputabbli unikament lill-attrici senjatament minhabba adulterju, abbandun, mohqrija psikologika, eccessi, sevizzi u ngurji gravi.

5. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti huwa persuna vjolenti u kif allegat l-attrici kien isawwatha. L-esponenti jichad kategorikament li huwa qatt kien vjolenti fil-konfront ta' martu.

6. Illi kienet l-attrici stess li abbandunat lil zewgha u liz-zewg uliedha wara li r-relazzjoni li l-istess attrici kkultivat f'dawn l-ahhar xhur ma' certu Khaled Bitar ta' origini Sirjan li llum ghandu nazzjonalita' Maltija.

7. Ill l-attrici stess bl-ebda mod ma ghamlet sforz ghal rikonciljazzjoni u dan sahansitra wara li avvicinawha f'diversi okkazjonijiet Monsinjur Dun Victor Grech, il-*marriage counsellor* Lina Thake u Dun Victor Enriquez.

8. Illi jinghad ukoll illi l-attrici lanqas biss talbet access u wisq anqas il-kura u kustodja tal-minuri bintha “C”.

9. L-esponenti jaqbel li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici ghandha tigi xolta izda hu jopponi illi l-attrici tinghata xi parti mill-istess komunjoni ta’ l-akkwisti minhabba r-ragunijiet gja’ msemmija u ghar-ragunijiet ohra li ser jissemmew fil-kontro-talba tal-konvenut ipprezentata kontestwalment;

10. L-esponent jopponi illi huwa ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici xi forma ta’ manteniment *stante* li martu tahdem bi qliegh bhala *beautician* fil-*Complexions Skin Care & Beauty Salon*, Triq il-Keffa, Ibragg, Swieqi u ghal ragunijiet ohra li ser jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 7 u 8 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** datata 30 ta’ Mejju 1998 a fol. 9 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Borg izzewgu fis-16 ta’ Marzu 1975 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal “D” u l-minuri “C”;

Illi l-attrici tahdem bi qliegh mal-*Complexions Skin Care & Beauty Salon* bhala *beautician*;

Illi l-attrici rrendiet ruhha hatja versu l-konvenut ta’ adulterju, abbandun, mohqrija psikologika, eccessi, sevizzi u ngurji gravi b’mod illi kissret iz-zwieg taghha mal-konvenut;

Illi l-istess konvenut rikonvenzjonanti talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Borg *stante* li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment ghal liema tifrik tahti unikament l-istess attrici senjatament minhabba

adulterju, abbandun, mohqrija psikologika, eccessi, sevizzi u ngurji gravi li l-istess kkommettiet fil-konfront tal-konvenut zewgha;

2. Tordna c-cessjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Borg u tiddeciedi illi l-attrici m'ghandha ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

3. Tassenja definittivament id-dar konjugali u cjoe' l-fond "Mater Dei", Triq il-Hemel, Swieqi lill-konvenut;

4. Tiddikjara lill-attrici dekaduta mid-drittijiet taghha kif provdut f'artikoli relattivi ta' **Kodici Civili Kap 16.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri inizjata quddiem is-Sekond' Awla kontra l-attrici li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti a fol. 10 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata tas-27 t'April 1998 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma ghal kollox insostenibbli fil-ligi u dan ghar-ragunijiet diga' spjegati fic-citazzjoni attrici u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi kwantu ghat-talba li d-dar konjugali tigi definittivament assenjata lill-konvenut din hija ghal kollox guridikament inattendibbli peress li din id-dar hija fin-nofs indiviz tappartjeni lill-eccipjenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici rikonvenzjonata a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut (1) datat 26 ta' Mejju 1998 fejn talab li jigi awtorizzat izid lil Marilou Bitar Rosso u lil Mary Bonello mal-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti kif presjeduta datat 18 ta' Settembru 1998 fejn giet ordnata n-notifika;

Rat id-digriet tal-Qorti kif attwalment presjeduta datat 28 t'Awissu 1998 fejn fin-nuqqas ta' risposta laqghat it-talba kif dedotta. Rat in-nota tal-konvenut datata 6 ta' Ottubru 1998 fejn l-konvenut irtira r-rikors tas-26 ta' Mejju 1998 (fol. 20).

Rat ir-rikors tal-konvenut (2) datat 22 ta' Lulju 1998 fejn talab li jigi awtorizzat izid lil Marilou Bitar Rosso u lil Mary Bonello mal-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti kif attwalment presjeduta datat 28 t'Awissu 1998 fejn giet milqugha it-talba.

Rat l-avviz tas-26 t'April 1999 fejn b'ordni tal-Qorti diversament presjeduta fejn l-kawza appuntata ghad-29 t'April 1999 giet differita ghas-6 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 6 ta' Mejju 1999 fejn il-kawza kienet differita ghan-notifika tal-partijiet; u tat-13 ta' Lulju 1999 fejn Dr. Toni Abela ghall-attrici ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u l-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghall-20 ta' Settembru 1999.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (1) tas-27 ta' Lulju 1999 fejn talbet li tigi awtorizzata tohrog in-notifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet ta' l-1 t'Awissu 1999.

Rat li l-istess rikors gie milqugh b'digriet datat l-1 ta' Awissu 1999 minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali ta' l-20 ta' Settembru 1999 fejn l-attrici ghal kull *buon fini* tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh u bil-kontro-talba tal-konvenut. Il-Qorti diversament presjeduta nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tas-17 ta' Jannar 2000 fejn

Dr. Anthony Ellul ghall-konvenut nforma lill-Qorti li hemm hemm possibbilta' ta' tranzazzjoni; u tad-29 ta' Mejju 2000 fejn il-partijiet informaw lill-Qorti li l-provi kienu qed jingabru; dehret Dr. Tanya Sciberras Camilleri li assumiet il-patroncinju ta' l-attrici kollox kif jidher a fol. 147 tal-process.

Rat d-dokumenti esebiti minn Dok. “HD 1” sa Dok. “HD 7” u Dok. “AA 1” sa Dok. “AA 2” min fol. 80 sa fol. 90 tal-process; rat id-dokument Dok. “AB “ u minn Dok. “DD 1” sa Dok. “DD 38 minn fol. 80 sa fol. 144 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudzzjarju Dr. Mariella Gonzi, fit-3 t'April 2000 fejn ma sar xejn; tas-26 t'April 2001 fejn xehdu **Gareth Baldacchino ghan-nom ta' l-HSBC plc**, **Alan Aloisio ghan-nom ta' l-HSBC plc** u **Vanessa Camilleri ghan-nom tal-Lombard Bank plc** lkoll xhieda prodotti mill-attrici; tal-15 ta' Mejju 2000 fejn ma sar xejn; u tat-12 ta' Lulju 2000 li giet ikkancellata minhabba possibbilta' ta' tranzazzjoni u allura ma0 kien hemm ebda xhieda.

Rat ir-rikors (1) datat 28 ta' Novembru 2000 ta' Dr. Tanya Sciberras Camilleri.

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2000 fejn deher Dr. Anthony Ellull ghall-konvenut u nforma lill-Qorti diversament presjeduta li l-provi kienu qed jingabru u kien hemm seduta ffissata ghall-20 ta' Frar 2001.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fid-19 ta' Frar 2001 fejn ma sar xejn; tat-12 ta' Marzu 2001 fejn xehed **Henry Delezio** ghan-nom tal-Bank of Valletta plc prodott mill-attrici kollox a fol. 164 tal-process.

Rat ir-rikors (2) ta' l-attrici datat 29 ta' Mejju 2001 fejn talbet li jigi mahtur perit arkitett sabiex jistma d-dar matrimonjali *“Mater Dei”,* Triq il-Hemel, Swieqi a spejjez provizorjament bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Anthony Ellul ghall-konvenut ta ruhu b'notifikat bir-rikors ta' l-attrici. Il-Qorti stiednet lill-partijiet jaghmlu nota konguntiva.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 3 ta' Lulju 2001 li biha nformat lill-Qorti li l-partijiet qablu li jigi nominat il-Perit Frederick Doublet, pero' hi tinsisti li l-ispejjez ghandhom provizorjament jibqghu bin-nofs bejn iz-zewg kontendenti, u dana in vista li hemm kontro-talba da parti tal-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghar-rikors ta' l-attrici tad-29 ta' Mejju 2001, u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2001 fejn laqghat it-talba u nnominat lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jaghmel stima tal-post in kwistjoni, a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru 2001 fejn b'referenza ghat-talba ta' l-attrici u ghan-nota taghha, il-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Frederick Doublet biex jaghmel stima tad-dar konjugali a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet u b'hekk saret revoka ta' kull digriet iehor moghti nkluz dak tat-28 ta' Jannar 2001.

Rat id-Dokument Dok. "CD 1" a fol. 176 A tal-process minn fejn jirrizulta li l-attur impjegat ma' Casma Limited kellu ntrojtu gross ta' sebat elef, hames mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm7,528.60) fis-sena li ghalqet f'Dicembru 2001; u Dok. "CD 2" li juri ntrojtu ta' sebat elef, mija u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm7,198.63) ghas-sena ta' qabel (kollox a fol. 176 B tal-process); u dokumenti "CD 3" u "CD 4" ghas-snin precedenti.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 11 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' bintha **"C"** datat 11 ta' Dicembru 2001 li dak iz-zmien kellha 21 sena kollox minn fol. 178 sa fol. 180 tal-process.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo ta' l-10 t'April 2002 (fol.

182) fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat ukoll id-digriet tas-16 t'April 2002 fejn il-Qorti filwaqt li kkonfermat id-digriet tat-28 ta' Jannar 2002, irrevokat l-inkarigu ta' kull perit tekniku iehor li seta' kien nominat qabel l-istess digriet.

Rat ir-rikors konguntiv (3) tal-partijiet datat 7 ta' Mejju 2002 fejn in vista rreferew lill-Qorti ghall-ahhar digriet tas-16 t'April 2002, u filwaqt li talbu li jigi revokat *contrario imperio*, esprimew ix-xewqa li l-Perit Frederick Doublet jithalla jespleta l-inkarigu tieghu.

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 2002 fejn laqghat it-talba tal-kontendenti u dan konsistentement ma' dak li fuq inghad b'dan li giet ghalhekk ikkonfermata n-nomina tal-perit tekniku Frederick Doublett.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Frederick C. Doublet a fol. 187 sa 209 tal-process u dan datat 13 ta' Mejju 2002 u mahluf fit-3 ta' Ottubru 2002 fejn il-fond *"Mater Dei",* 79, Triq il-Hemel, Swieqi gie stmat fl-ammont ta' tmenin elf lira Maltin (Lm80,000).

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Mariella Gonzi fit-13 ta' Gunju 2002 fejn ma sar xejn.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 2 t'Ottubru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' hutha **Martin Bonello** u **Alexandra *sive* Sandra Borg** kollox minn fol. 225 sa 229 tal-process.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta tat-3 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Frederick Doublet ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament u l-kawza thalliet sabiex l-Assistent Gudizzjarju tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici u ghall-ezami tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2002 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn ma sar xejn, kollox kif jidher a fol. 231 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici **"A"** datata 29 ta' Novembru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess datat 28 ta' Novembru 2002 b'diversi dokumenti minn Dok. "IB 1" sa Dok. "IB 6" minn fol. 232 sa fol. 259 tal-process.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri datat 22 ta' Jannar 1998 fejn il-konvenut kien gie kkundannat ihallas ghall-manteniment ta' l-attrici fl-ammont ta' Lm80 fix-xahar ghall-perjodu ta' sitt xhur *stante* li jinghad li *"wara dan il-perjodu jidher li r-rikorrenti ghandha obbligu li tahseb ghall-manteniment taghha stess fix-xoghol prospettiv taghha li ghalih qeghda tipprepara ruhha, kif jirrizulta mill-verbal tal-lum."*

Rat is-seduta tad-19 ta' Settembru 2002 fejn xehdet **Carmen Duca** quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata zzomm l-ahhar zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' sittin gurnata mill-ahhar ta' Jannar 2003, wara liema terminu l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata zzommu erba' (4) seduti ohra ghall-provi kollha tal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-28 ta' Novembru 2002 fejn ma sar xejn; fit-13 ta' Marzu 2003 fejn ma sar xejn; tal-25 ta' Gunju 2003 fejn ma sar xejn, u ghalhekk l-istess seduti ghal xi raguni jew ohra ma gewx utilizzati ghax kien hemm xi hadd indispost.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** datata 28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu datat 14 ta' Marzu 2003 u d-dokumenti Dok. "CB1" sa Dok. "CB 31" minn fol. 272 sa fol. 330 tal-process, ta' missieru **Anthony Borg** datat 14 ta' Marzu 2003, t'ohtu **Elizabeth Sultana** datat 14 ta' Marzu 2003 u **Mary Borg nee' Cutajar** datat ukoll 14 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-23 ta' Jannar 2003 fejn xehed **"D",** iben il-partijiet prodott mill-attrici, u li x-xhieda tieghu bhala maggorenni hija riprodotta a fol. 350 sa 352 tal-process.

Rat il-verbal tas-7 t'Ottubru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarja biex wara s-seduti ordnati, tiffissa wkoll zewg seduti ohra ghall-kontro-ezamijiet relattivi.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 14 t'Ottubru 2003 li permezz taghha a tenur ta' l-**artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' dak ta' *"Bonello"*.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fis-7 ta' Mejju 2003 fejn xehed in-**Nutar Patrick Critien**; tal-25 ta' Settembru 2003 fejn xehed **"D"**, u tat-23 t'Ottubru 2003 fejn ma sar xejn u 30 ta' Ottubru 2003 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami, ta' l-10 ta' Novembru 2003 fejn sar l-istess apparti li gew prodotti diversi dokumenti, u tat-30 ta' Novembru 2003 fejn sar il-kontro-ezami ta' **"A"**.

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 392 tal-process ipprezentata quddiem l-Assistent Gudizzjarju li permezz taghha esebixxa tliet listi, u cjoe' lista oggetti li l-attrici hadet minn gewwa d-dar matrimonjali, lista' ta' oggetti proprjeta' parafernali tal-konvenut, u lista ta' oggetti msemmija mill-attrici fl-inventarju li pero' m'ghadhomx fil-pussess tieghu.

Rat nota ohra tal-konvenut a fol. 405 tal-process li permezz esebixxa sensiela ta' *cards* li baghtitlu l-attrici matul it-tnejn u ghoxrin sena ta' zwieg.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-27 ta' Novembru 2003 fejn xehdu **Paul Aquilina**, **Carmen Galea** (li xehdet bil-lingwa Ngliza), u **Albert Rizzo**; u tal-15 ta' Dicembru 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Dicembru 2003 fejn in segwitu tar-rikors tat-2 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti giet

informata li Dr. Mariella Gonzi ma setghatx izzomm seduti aktar gie appuntat bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia in sostituzzjoni ta' Dr. Mariella Gonzi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fejn xehed **Winston Rizzo** prodott mill-konvenut, u anke sar il-kontro-ezami ta' l-istess xhud.

Rat ir-rikors ta' (4) l-attrici datat 17 ta' Dicembru 2003 fejn talbet li tigi ffissata seduta f'Jannar 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju sabiex jinzamm il-kontro-ezami tax-xhud **Winston Rizzo**, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tad-19 ta' Dicembru 2003.

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 2004 fejn l-Assistent Gudizzjarju ma setghax izomm is-seduta *stante* li x-xhud li kellu jixhed baqa' ma deherx.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Jannar 2004 u tas-27 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti nnotat li d-digriet taghha tas-7 t'Ottubru 2003 ma giex osservat, u ghalhekk ordnat li l-provi jinghalqu sa l-ahhar t'April 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-15 ta' Marzu 2004 fejn xehdet **Dr. Ruth Scott** u **Mary Lourdes Bitar Rosso**, u tad-29 t'April 2004 fejn xehed **Martin Bonello**.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2004 fejn l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat jiffissa s-seduti necessarji biex jinghalqu l-provi kollha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-9 ta' Gunju 2004 fejn xehed l-**Onorevoli Imhallef Philip Sciberras**, tat-18 ta' Gunju 2004 fejn rega' xehed **Martin Bonello**, ta' l-1 ta' Lulju 2004 fejn xehdet **Sandra Borg**, oht l-attrici, tal-21 ta' Lulju 2004 fejn xehdet **Mary Bonello**, tas-27 ta' Settembru 2004, ta' l-1 t'Ottubru 2004 u ta' l-14 t'Ottubru 2004 fejn ma sar xejn, u tad-19 t'Ottubru 2004 fejn sar il-kontro-ezami ta' **"C"**.

Rat ir-rikors (5) ta’ l-attrici ta’ l-14 t’Ottubru 2004 fejn talbet li jigi mahtur il-Perit Frederick Doublet biex jirrelata dwar id-divizjoni tad-dar matrimonjali tal-partijiet, u cjoe’ “Mater Dei”, Triq il-Hemel, Swieqi.

Rat ir-risposta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia LL.D. fejn irriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tad-9 ta’ Novembru 2004 fejn talbet li jigi ffissati zewg seduti ohra sabiex jinzammu l-kontro-ezamijiet lix-xhieda tal-konvenut, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia LL.D. b’digriet tal-15 ta’ Novembru 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 9 ta’Novembru 2004 fejn talab li jinghata l-fakolta’ li jaghlaq il-provi tieghu f’seduta ohra quddiem l-Assistent Gudizzjarju, liema talba wkoll giet milqugha b’digriet fil-15 ta’ Novembru 2004 minn din il-Qorti hekk diversament presjeduta mill- Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia LL.D.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta’ Novembru 2004 fejn ma sar xejn peress li l-attrici kienet imsiefra.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-23 ta’ Frar 2005 fejn sar il-kontro-ezami ta’ l-attur **“B”**; ta’ l-24 ta’ Frar 2005 fejn tkompla l-kontro-ezami ta’ l-attur u sar ukoll il-kontro-ezami ta’ l-attrici **“A”**; u ta’ l-1 ta’ Marzu 2005 fejn xehed il-konvenut **“B”**.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Marzu 2005 fejn il-Qorti kif prezentament presjeduta hadet konjizzjoni tar-rikors ta’ l-14 t’Ottubru 2004 wara li gja’ kien hemm digriet mill-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie riservat li jinghata provvediment fi stadju ulterjuri. Id-difensuri qablu li fl-

2002 l-immobbli giet stmata fl-ammont ta' tmenin elf lira Maltin (Lm80,000). Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghall-attrici kkontendiet li llum l-istess proprjeta' tiswa izjed. Il-Qorti laqghat it-talba fl-istess rikors u nnominat lill-Perit Tekniku Frederick Doublet sabiex jerga' jistma l-immobbli u jirrelata hekk hix komodament divizibbli, fejn ghandu jindika l-valur tad-dar jekk din tigi maqsuma, kif ukoll il-valur tax-xoghlijiet rikjesti biex dan isehh, kollox a spejjez provizorjament attrici. Dr. Sciberras Camilleri rrinunzjat ghat-talba ta' manteniment. Dr. Anthony Ellul ghall-konvenut obbliga ruhu li fi zmien sebat ijiem jghaddi kopja tad-dokumenti esebiti fl-ahhar seduta lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 2005 fejn fuq talba tal-partijiet, il-Qorti pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 23 ta' Mejju 2005 fejn informat lill-Qorti li minhabba diffikultajiet finanzjarji m'ghadx ghandha nteress f'dak li talbet fir-rikors precedenti taghha ta' l-14 t'Ottubru 2004, li konsegwenza tieghu gie nominat Perit Tekniku biex jistma l-immobbli u jara hix komodament divizibbli. Ghaldaqstant talbet li jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tal-Qorti datat 9 ta' Marzu 2005.

Rat ir-risposta tal-konvenut u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2005 fejn giet milqugha t-talba u l-Qorti rrevokat *contrario imperio* l-imsemmi digriet b'dan li filwaqt li gie b'hekk revokat l-inkarigu tal-Perit Frederick Doublet, l-attrici xorta giet ordnata thallas lill-istess Perit tax-xoghlijiet li lahaq wettaq.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-ewwel lok tordna li fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut it-talba bin-numru (4) tigi sostitwita fis-sens li tigi minflok enumerata bhala talba numru tlieta (3) u t-talba numru hamsa (5) tigi sostitwita fis-sens li tigi minflok enumerata bhala talba numru erbgha (4), u dan *stante* li jidher li sar zball fl-enumerazzjoni ta' l-istess talbiet ghaliex kif prezentati n-numru tlieta (3) gie maqbuz.

Illi dwar il-mertu ta' l-azzjoni odjerna jinghad li l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet fil-kawza odjerna jaghtu stampa ghal kollox differenti minn ta' xulxin u sfortunatament dan jirrizulta f'hafna kawzi ta' din in-natura quddiem il-Qorti tal-Familja, fejn bhal f'dan il-kaz il-kuncett ta' medjazzjoni gie ghal kollox skartat mill-istess partijiet, b'dan li din il-kawza zviluppat f'wahda ta' pika esegerata bejn il-kontendenti. Dan jidher kwazi minn kull att maghmul mill-partijiet, inkluz il-process innifsu li fih mhux anqas min 733 pagna.

Illi l-**attrici, "A",** fl-affidavit taghha, xehdet li fi zmien l-gherusija ma kellhiex xi tgerger mill-konvenut ghalkemm kienu jilletikaw ghax kien rasu iebsa u dejjem ried li tghaddi tieghu.  Meta zzewgu hija ssostni li huwa kien jikkmanda d-dar.  L-amministrazzjoni tal-flus kienet f'idejh. Hija tiddeskrivih bhala persuna b'tempra hazina u abbuziva minhabba li kien jitilghulu malajr u kien jaghmel xenati kbar fil-konfront taghha u taz-zewgt itfal taghhom. Hija ssostni li hi u t-tfal kienu jghixu fil-biza' u kienu terrorizzati minnu. Huwa kien jaqla' xenati kbar ghal kull haga ta' xejn u kien jordnalhom x'iridu jaghmlu.

Illi hija xehdet li huwa kien ighir hafna ghaliha u kien jigdeb. Sostniet ukoll li kissirha mentalment u li gieli refa' jdejh fuqha.  Hija spjegat li meta t-tfal kienu zghar kienet telqet darbtejn mid-dar darba minhabba li allegatament sawwat lit-tifel u darba ohra minhabba kwistjoni ta' wirt. Pero' hija fiz-zewg okkazjonijiet regghet marret lura d-dar.

Illi pero' <u>f'Settembru 1997</u> hija qabdet hwejjigha u telqet mid-dar wara glieda li kellhom.  F'Jannar 1998 bdiet il-proceduri quddiem il-Qrati.  Hija tghid li f'dan iz-zmien hija u bintha batew hafna u hi kellha tohrog tahdem.  Zewgha

kien taha manteniment ta’ tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar ghal sitt xhur biss. F’dan iz-zmien meta kien jinzerta burdata hazina kien jghajjarha barra u kien isegwiha ta’ spiss. Huwa baqa’ jigri warajha biex tmur lura u wara sentejn accettat minhabba t-tifla ghax kienet sejra ghall-aghar. L-attrici nsistiet li jmorru *counselling.* Skond hi f’dan iz-zmien zewgha kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Bdew imorru *counselling* u wara ftit xhur iddecidiet li tmur lura ghalkemm hi tistqarr li kellha dubji kbar fuqu.

Illi pero’ wara ghaxart ijiem li marret lura nqalghet glieda fejn allegatament il-konvenut refa’ jdejh fuq martu u heddidha li joqtolha. L-affarijiet marru ghall-aghar u wara hmistax li rritornat id-dar regghet telqet. In kontro-ezami tenniet li kienet id-dominanza tieghu li dejqitha. Dan ghaliex kien jikkontrollaha fi flus u x’tixtri. Pero’ xehdet li kien ighinha fid-dar u hu minnu li kien jixtrilha r-rigali.

Illi fir-rigward ta’ l-allegazzjoni li hi kkommettiet adulterju hija xehdet li ghandha relazzjoni ma' certu Khaled Al Bitar pero' ma jghixux flimkien. Bejn wiehed u iehor din ir-relazzjoni <u>bdiet fl-2001</u>. Hija tichad li qatt siefret ma’ Bitar. Illi hija tghid li fis-sena 1998 iltaqghet mieghu b’kumbinazzjoni Dubai. Tichad li sakemm damet mar-ragel, Bitar qatt mar ghandha meta kienet wahedha. Tichad ukoll li dak iz-zmien raqdet mieghu. Rigward certu Mario Camilleri tghid li harget mieghu xi tliet snin jew erbgha wara li telqet mid-dar u damet mieghu xi erba’ xhur.

Illi **“C”,** bint il-kontendenti, ukoll xehdet fis-sens li missierha kien jiksirhom quddiem in-nies, nervuz hafna u dejjem trid tghaddi tieghu. Kien ighir hafna ghal ommha tant li lanqas kien ihalliha tohrog ma’ membri tal-familja taghha matul il-gurnata. Hija wkoll xehdet fis-sens li wara li ommha kienet telqet mid-dar ghal habta ta’ Settembru 1999 missierha kien johrog ma’ mara ohra jisimha Josephine Grech u kienet tidhol id-dar ma’ missierha. Hija tallega li missierha refa’ jdejh fuqha u fuq ommha u hija sfat imkeccija mid-dar. Hija u missierha llum ma jitkellmux. Hija pero’ xehdet fis-sens li tiftakar li ommha kienet marret Dubai ma’ Bitar.

Illi **Martin Bonello,** hu l-attrici, ukoll xehed fis-sens li l-konvenut kien strett izzejjed mat-tfal u kien jirrabja maghhom. Sostna li l-konvenut kien ighir hafna ghal ohtu u lanqas kien ihalliha tmur tixtri minghajru.

Illi **Alexandra sive Sandra Borg,** oht l-attrici, xehdet li l-konvenut kien possessiv u jhobb jikkmanda u kien jitratta lil martu bhala tifla zghira. Gieli anki kien ighajjarha quddiem il-familja taghha.

Illi min-naha tieghu l-konvenut, **Carmel *sive* Charles Borg** isostni li meta l-attrici kienet tghix m'ommha hi kellha ansjeta' kbira u kellha genn biex tizzewweg u jemigraw lejn l-Awstralja. Huwa jghid li lil martu u lit-tfal qatt ma hallihom neqsin minn xejn u kien jaghmel minn kollox biex izommhom kuntenti u paxxuti. Huwa xehed li martu kienet tixtri kulma trid u huwa qatt ma ndahlilha. Fid-dar kellha l-kumditajiet kollha.

Illi huwa jichad li qatt kien vjolenti fil-konfront ta' martu jew li qatt heddidha. Huwa kien ihobbha u jirrispettaha u kien ighinha fix-xoghol tad-dar. Fl-ahhar tmien snin li martu ghamlet id-dar lanqas hwejjeg ma kienet tahsel. Huwa esebixxa diversi *cards* mibghuta lilu minn martu u t-tfal. F'dawn il-*cards* martu kienet tirringrazzjah ta' kulma kien jaghmel maghha u mat-tfal. Huwa jichad li kellu xi nteress f'mara ohra ghax hu dejjem kien fidil lejha. Jichad ukoll li huwa ma kienx ihalliha tohrog mal-hbieb jew ma' tal-familja.

Illi huwa xehed fl-2003 li martu kienet ilha tmien snin li bdiet relazzjoni ma' certu Khaled Al Bitar, Sirjan b'nazzjonalita' Maltija. Hu stess kien mizzewweg, pero' ssepara minhabba l-allegata relazzjoni ma' l-attrici. Il-konvenut xehed li dakinhar li martu telqet mid-dar huwa kien mar ikellem lil Bitar fil-hanut tieghu u qallu biex ihalli lil martu bi kwieta. Bitar irrispondih li l-attrici kienet tmur ghadu minn jeddha u hu qatt ma kien baghat ghaliha. Meta rrinfacca lil martu b'dan hi ddecidiet li titlaq mid-dar. Illi huwa qal li ghamel minn kollox biex hi tmur lura d-dar.

Illi huwa sostna li martu f'Dicembru 1998 marret Dubai tiltaqa' ma' Bitar. Hemmhekk hija kienet dahlet l-isptar ghal xi kura. Wara li giet lura minn Dubai ommha u missierha keccewha mill-*flat* li silfuha u hi marret tghix mat-tifla. Sadanittant hu jallega li baqghet tiltaqa' ma' Bitar u nqalghu kwistjonijiet mal-mara ta' l-istess Bitar. Imbaghad telqet tghix minn mat-tifla u marret tghix wahedha. Il-konvenut isostni li gieli ra lil Bitar jidhol fil-*flat*.

Illi xi sentejn wara li telqet mid-dar huwa xehed li martu cemplitlu biex hu jkellem lit-tifla ghax kienet qed taghtiha *hard time* u meta huwa mar ikellimhom issuggerixxa biex jippruvaw jaghmlu rikonciljazzjoni u jmorru *counselling sessions.* Hija kienet accettat il-proposta tieghu izda skond hu din ma kinitx genwina. Huwa jsostni li sakemm kienu qed jirrikonciljaw hi xorta baqghet iccempel lil habibha. Fi Frar 2000 marret lura d-dar pero' damet biss hmistax-il gurnata u dan ghaliex hu kien uriha *itemised bill* li kien jidher li hi kienet qed iccempel lil habibha.

Illi rigward it-tifla huwa jghid li wara li martu regghet telqet mid-dar huwa qal lit-tifla biex tmur tghix m'ommha. Dan ghaliex bintu kienet izzomm m'ommha. Huwa jsostni li bintu gidbet hafna fuqu. Huwa qatt ma ppretenda li kellha thallas xi flus meta kienet id-dar pero' kien jippretendi li hi tghin ftit fix-xoghol tad-dar.

Illi **Winston Rizzo,** habib tal-familja, xehed li darba hu kien laqqaghhom flimkien biex jipprova jirranga d-differenzi ta' bejniethom. Huwa xehed li meta l-attrici qamet biex tmur kienet qalet li lill-Gharbi xorta kienet ghadha thobbu.

Illi **Maria Lourdes Bitar,** mart Khaled Al Bitar, xehdet li zewgha ammetta maghha li raqad ma' l-attrici. Anke l-attrici meta giet rinfaccata mix-xhud qaltilha li kienet migbuda lejn Bitar. Tghid li l-attrici gieli cemplet f'darha u qabdet it-*telephone* hi. Qalet li sabet ritratt ta' "A" fl-*attachè case* ta' zewgha. Meta l-attrici kienet regghet irrangat ma' zewgha baqghet f'kuntatt ma' Bitar ghax kienet iccempillu.

Illi l-**Onorevoli Mhallef Dr. Philip Sciberras LL.D,** li ghal hafna zmien kien il-konsulent legali tal-partijiet f'diversi kawzi civili, xehed li hu nterpreta l-problema bejn il-koppja *"illi hi kellha certu familjarità ma' certu Bitar"* u lill-konvenut din is-sitwazzjoni kienet qed iddejqu. Huwa xehed li ra lill-konvenut ma' mara ohra. In kontro-ezami rrisponda li kien jiltaqa' ta' spiss maghhom bhala koppja, anke barra mill-ufficcju, u kien jarahom bhala koppja perfetta. Sakemm inqalghu l-kwistjonijiet qatt ma ra lill-attrici mdejqa u li kienet sottomessa.

Illi meta din il-Qorti ezaminat fid-dettal il-provi kollha prodotti quddiemha thoss li gie pruvat fil-grad rikjest mil-ligi li l-hajja konjugali tal-partijiet ghaddiet minn diversi perjodi ta' diffikulta'. L-attrici rnexxielha tipprova li zewgha kien ighir hafna ghaliha. Dan gie kkonfermat mid-diversi xhieda prodotti minnha fosthom hutha u bint il-partijiet (*vide* a fol. 178; 226; 228). Izda mhux biss. Kien l-istess Onorevoli Mhallef Philip Sciberras li ddeskriva lill-konvenut bhala persuna li fost affarijiet ohra *"kien geluz hafna ghall-mara tieghu".* Huwa ddeskriviha bhala gelozija *"eccessiva, jista' jkun ukoll pero' mhux ezasperanti"* (*vide* a fol.545 u 546*).*

Illi fil-fatt jirrizulta lil din il-Qorti li kienet din l-ghira eccessiva tal-konvenut li wasslitu biex jikkontrolla lill-attrici f'kollox. Irrizulta ppruvat wkoll li l-konvenut huwa bniedem nervuz u li jitlaghlu malajr u ma kien jahsibha xejn li jikser lil martu u lil uliedu fil-prezenza ta' terzi persuni. Ghalkemm irrizulta wkoll li materjalment kellhom affarijiet u li anke kien ighin fid-dar, pero' l-karattru tieghu rrenda l-hajja taz-zwieg difficli. Ma hija facli xejn li tghix ma' persuna, bhal konvenut, li bl-ghira eccessiva tieghu johnoqlok il-liberta' u l-personalita' tal-mara, u aktar u aktar meta din taghti lok ghall-episodji ta' vjolenza domestika fuq il-mara. Certament li dan l-agir abbusiv tal-konvenut ma jistax ma jhallix punt negattiv u s-sottomissjonijiet tal-konvenut fejn huwa jallega li materjalment kien jissodisfa l-bzonnijiet tal-familja ma jaghtuh l-ebda dritt li jabbuza b'dan il-mod minn martu. Huwa ovvju li ragel li jagixxi b'dan il-mod fil-verita' ma

jkollu l-ebda rispett lejn il-hajja tal-familja, anzi jwassal sabiex irendi l-hajja konjugali mpossibbli.

Illi pero' min-naha l-ohra ma jistax tigi njorata l-allegazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' martu li hija kkommettiet adulterju.  Bhalma gie kkonfermat mill-attrici nnifisha ma hemm l-ebda dubju li prezentement hija ghandha relazzjoni ma' certu Khaled Al Bitar li ilha sejra ghal diversi snin (*vide* a fol. 379 tal-process).  Il-kwistjoni hija meta din ir-relazzjoni bdiet u jekk kif qed jallega l-attur kinitx din ir-relazzjoni li farrket iz-zwieg taghhom.

Illi meta din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dovuta l-provi prodotti fuq dan il-punt, din il-Qorti thoss li huwa ovvju li l-prova tal-konvenut f'dan ir-rigward ma hijiex konvincenti, anzi pjuttost hija tal-fehma li giet ippruvata l-allegazzjoni ta' l-attrici li tali relazzjoni adultera sehhet wara li z-zwieg bejn il-kontendenti kien gja' tfarrak minhabba l-agir abbuziv tal-konvenut *verso* l-attrici kif gja' nghad.

Illi fil-fatt jirrizulta li kien hemm problemi ohra originati minhabba l-karattru tal-konvenut. Din il-Qorti thoss li ghalkemm l-attrici saret taf lil certu Khaled Al Bitar fis-sena 1998 meta hija marret Dubai, l-adulterju ma' l-istess waqt li l-attrici kienet ghadha qed tghix id-dar ma rrizultax; jirrizulta pero' li hija b'xi mod zammet kuntatt ma' din il-persuna tant li wara li kellha titlaq mid-dar minhabba l-agir tal-konvenut, hija stabbiliet il-kuntatt ma' din il-persuna, tant li kull eventwali rikonciljazzjoni ttentata bejn il-partijiet ma setghetx issehh.  F'dan il-kuntest ghalhekk jinghad li r-relazzjoni ta' l-attrici ma' terza persuna kkontribwiet ghat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti pero' ma kinitx il-kawza principali ta' l-istess, liema kawza tibqa' dik attribwibbli lill-konvenut minhabba li huwa kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi li kawza ta' l-istess l-konvivenza ta' bejn il-partijiet saret impossibbli.  Wara dan l-istess attrici kkommettiet adulterju kif fuq indikat u kif in verita' gie ammess minnha stess fl-atti ta' din il-kawza.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jirrizulta li d-dar matrimonjali "Mater Dei", Triq il-Hemel, Swieqi tifforma parti mill-istess u din fis-sena 2002 kienet stmata mill-Perit

Tekniku A.I.C. Frederick Doublet bil-pussess vakanti fl-ammont ta' tmenin elf lira Maltin (Lm80,000).

Illi l-konvenut, fil-kontro-talba tieghu, qed jitlob sabiex jigi assenjat id-dar matrimonjali minhabba li jixtieq jirrisjedi vicin ix-xoghol tieghu. Din pero' mhix raguni valida li twassal lil din il-Qorti tiddeciedi li huwa ghandu jigi assenjat id-dar matrimonjali meta n-nofs indiviz fil-fatt jappartjeni lill-attrici. *Inoltre'* t-tfal huma t-tnejn maggorenni. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-istess dar ghandha tinbiegh b'subbasta u r-rikavat ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet kellhom diversi kontijiet bankarji hafna minnhom intestati f'isem il-konvenut li b'hekk meta l-mara telqet mid-dar ha l-okkazjoni biex jizbankhom. Infatti rrizulta li s-segwenti kontijiet inghalqu. Ladarba kienu ntestati fuq isem il-konvenut huwa biss seta' jigbed il-flus. Dawn kienu:-

- Kont Nru 097012865 fl-ammont ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200), *fixed deposit* li nghalaq fis-27 ta' Ottubru 1997 (fol. 80 tal-process).

- Kont Nru 097011567 fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000), *fixed deposit* li nghalaq fis-27 ta' Ottubru 1997 (fol. 81 tal-process).

- Kont Nru 097005575 fl-ammont ta' tmien mija sebgha u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm837.40), *savings account* li nghalaq fid-29 ta' Settembru 1997 (fol. 89 tal-process).

- Kont Nru 094028477 fl-ammont ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650), *savings account* liema ammont ingibed fid-29 ta' Settembru 1997 (fol. 86 tal-process).

- Kont Nru 091002264 fl-ammont ta' mija u tnax-il lira Maltin (Lm112), *current account* liema ammont ingibed fil-15 ta' Ottubru 1997 (fol. 91 tal-process).

- Kont Nru 091175029 fl-ammont ta' erba' mija u hames liri Maltin (Lm405) liema ammont ingibed fl-20 ta' Settembru 1997 (fol. 96 tal-process).

- Kont Nru 091175029 fl-ammont ta' mija u dsatax il-lira Maltin u hames centezmi (Lm119.05) liema ammont ingibed fil-15 ta' Ottubru 1997 (fol. 95 tal-process).

- Kont Nru 091002264 fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) liema ammont ingibed fit-13 ta' Ottubru 1997 (fol. 91 tal-process).

- Kont Nru 10754831023 fl-ammont ta' mitejn u sittin lira mitejn u sittin lira Maltin (Lm260) liema ammont ingibed fil-15 ta' Ottubru 1997 (fol. 37 tal-process).

- Kont Nru 10700516046 fl-ammont ta' elf u dsatax-il-lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1,019.69) liema ammont ingibed fit-2 ta' Ottubru 1997 (fol. 63 tal-process).

Illi ovvjament nofs ta' l-ammont migbud, li fit-totalita' huwa ta' sitt elef, seba' mija u tliet liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm6,703.14), jappartjeni lill-attrici, b'dan ghalhekk li sehem l-attrici mill-istess ammonti zbankati mill-konvenut huwa dak fis-somma ta' tliet elef, tliet mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,351.57).

Illi min-naha taghha l-attrici ammettiet li hija zbankat is-somma ta' elf u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,046.75) tal-*fixed deposit* Kont Nru 097008671 li kien intestat f'isimha fit-12 ta' Jannar 1998. Nofs dan l-ammont kien jappartjeni lill-konvenut, cjoe' hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin, u sebgha u tletin centezmu (Lm523.37).

Illi l-kontendenti ghandhom erbgha u tmenin (84) sehem kull wiehed fil-Bank of Valletta plc. Kull parti qed tigi assenjata dawk l-ishma registrati f'ismu jew f'isimha.

Illi hemm zewg karozzi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li huma:

- Karozza tat-tip Fiat Panda Reg Nru HUB 795 li qed tigi assenjata lill-attrici.

- Karozza tat-tip Mitsubishi Lancer Reg Nru DAA 013 li qed tigi assenjata lill-konvenut.

Illi rigward il-mobbli, il-partijiet elenkaw il-mobbli ta’ gewwa d-dar. Huma ma tawx il-valur ta’ kull oggett mobbli. L-attrici tat valur approssimattiv ta’ hamest elef lira Maltin (lm5,000) ghal dak li jirrigwarda l-mobbli li ghadhom fid-dar. Infatti meta telqet mid-dar hija hadet maghha xi oggetti mobbli. Hemm allegazzjoni li l-konvenut nehha xi oggetti mid-dar matrimonjali u hadhom fir-residenza ta’ persuna li maghha ghandu relazzjoni. Din l-allegazzjoni pero’ ma gietx ippruvata.

Illi l-attrici talbet li l-mobbli ghandhom jigu assenjati nterament lilha sabiex tigi kkumpensata ghall-fatt li zewgha kien zbanka l-kontijiet bankarji. Ghalkemm gie ppruvat li l-konvenut verament zbanka diversi kontijiet bankarji, sehem l-attrici kif diga’ nghad dan l-ammont ma kienx jammonta ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Illi pero’ tista’ tintlaqa’ t-talba taghha li tigi assenjata l-oggetti kollha li hija hadet meta telqet mid-dar matrimonjali. *Inoltre’* qed tigi assenjata s-salott flimkien mal-*coffee table* u l-linfa u l-brazzi parigg, il-pitturi u l-oggetti tal-kristall (indikati fl-inventarju taht it-titolu *sitting room* [a fol. 255 tal-process]). *Inoltre’* qed tigi assenjata wkoll il-mobbli li hemm fl-intrata ndikati fl-inventarju pprezentat mill-attrici taht it-titolu *entrance* (a fol. 255 tal-process). Illi l-kumplament tal-mobbli qed jigu assenjati lill-konvenut. Dan *tenendo* kont tal-fatt li l-attrici meta telqet mid-dar diga’ kienet hadet xi oggetti mobbli u fil-maggor parti taghhom dan sar bi ftehim mal-konvenut.

Illi b’referenza ghall-gojjellerija li l-attrici hadet maghha l-konvenut isostni li dawn jammontaw ghal madwar tliet elef lira Maltin (Lm3,000). L-attrici tichad dan u tghid li r-ritratti pprezentati minn zewgha ma jurux il-gojjellerija kollha taghha imma hafna mill-oggetti li ntwerew kienu fil-fatt ta’ omm il-konvenut. Pero’ fi kwalunkwe kaz din qed tigi

assenjata kollha lill-istess attrici. Illi l-konvenut talab li jigi assenjat *brooch* li kien inghata lill-partijiet miz-zija tal-konvenut Josephine Borg u din it-talba qed tintlaqa'.

Illi l-konvenut xehed in konnessjoni ma' hames kawzi li jirrigwardaw id-dar matrimonjali. Dawn il-kawzi kienu nbdew miz-zewg partijiet jew saru kontrihom it-tnejn. Huwa sostna li wara li l-attrici telqet mid-dar baqa' jiehu hsiebhom huwa. Huwa nfatti esebixxa l-kontijiet relattivi a fol. 653 sa 685 tal-process. Huwa qed jilob minghand l-attrici sehemha ghal dawn l-ispejjez fl-ammont ta' elf u erbgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,044.80). Min-naha taghha l-attrici ssostni li mhu dovut l-ebda kumpens ghal dawn il-hlasijiet peress li hija qatt ma rceviet xi talba ghall-hlas da parti ta' terzi jew da parti ta' zewgha qabel ma sar il-hlas, izda t-talba ghall-hlas dejjem giet indirizzata unikament lill-konvenut. *Inoltre* hija ssottomettiet li l-konvenut qatt ma nfurmaha li kien sejjer jinkariga lill-avukat prezenti tieghu in konnessjoni ma' xi kawzi civili u lanqas li kien ser jinkarigah ghan-nom taz-zewg partijiet. Ghaldaqstant ladarba huwa qatt ma kien il-konsulent legali taghha u qatt ma rrenda xi servizzi lilha hija m'ghandhiex tissaporti xi kontijiet li seta' hallsu l-konvenut.

Illi rigward dan il-punt jinghad li l-**artikolu 1327 tal-Kap. 16** jipprovdi:

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbaghtu biss id-djun li gejjin:*

*(b) l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni ta' l-akkwisti, hlief dawk l-ispejjez li jsiru b'atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jsiru minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra."*

Illi minn qari ta' dan l-artikolu jirrizulta li l-ispejjez li l-konvenut hallas in konnessjoni mal-kawzi civili li jirrigwardaw id-dar matrimonjali huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan ghaliex dawn il-hlasijiet saru ghal spejjez inkorsi proprju fl-amministrazzjoni tad-dar

matrimonjali li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. B'hekk l-argument ta' l-attrici ma jistax jigi accettat. Konsegwentement l-attrici ghandha thallas sehemha mill-ispejjez inkorsi ghall-imsemmija kawzi civili.

Illi jigi deciz li minhabba l-fatt li rrizulta li l-konvenut zbanka l-ammonti msemmija aktar 'il fuq li nofshom kienu ta' l-attrici allura ghandha ssir tpacija. Izda l-attrici b'dan il-mod xorta jibqaghalha ammont li ghandha tircievi minghand il-konvenut izda minhabba li hija hadet maghha l-gojjellerija ghandha ssir tpacija ukoll f'dan is-sens u l-partijiet jikkunsidraw ruhhom li thallsu l-ammonti dovuti minn xulxin.

Illi bhala l-ahhar kunsiderazzjoni jinghad li l-attrici fit-tieni talba taghha talbet li tinghata manteniment. Il-konvenut sostna li l-attrici ghandha ntrojtu bizzejjed mix-xoghol taghha sabiex tmantni lilha nnifisha. Illi gie nfatti ppruvat li l-attrici ghandha *full-time job* u li prezentement qeghda tahdem u tirrisjedi l-Libya. B'hekk l-ebda manteniment m'ghandu jinghata lill-istess attrici u dan apparti li mill-provi jirrizulta li z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand il-parti l-ohra b'dan li din il-Qorti qed tapplika kontra z-zewg partijiet id-dispozittivi relattivi ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li principarjament il-konvenut kien responsabbli u hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi, kawza ta' l-istess z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Illi pero' l-attrici ukoll Ikkommettiet adulterju u kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli.

2. Tichad it-tieni talba attrici *stante* li l-attrici tilfet kull dritt ta’ manteniment u fil-fatt qed jigu applikati kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet relattivi ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16**. Illi ghalhekk l-istess konvenut ukoll tilef kull dritt ta’ manteniment li setgha jvanta kontra l-attrici.

3. Tilqa’ din it-talba b’dan li tapplika d-dispozizzjonijiet ta’
l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra z-zewg partijiet.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza b’dan li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi likwidata u diviza u assenjata bejn il-partijiet bil-mod kif indikat aktar ’il fuq f’din is-sentenza, a bazi tal-konsiderazzjonijiet fuq indikati u bil-mod kif indikat fl-istess sentenza wkoll bl-applikazzjoni tal-massima *artbitro boni viri. Inter alia* din il-Qorti qed tassenja parti mill-istess komunjoni lill-attrici u l-parti l-ohra lill-konvenut, u dan ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li kull parti setgha jew jista’ jkollha kontra l-ohra, u dan bil-mod kif fuq premess u deciz b’dan ukoll li:-

Illi d-dar matrimonjali “Mater Dei”, Triq il-Hemel, Swieqi ghandha tinbiegh b’subbasta u r-rikavat ghandu jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi l-kontendenti ghandhom erbgha u tmenin (84) sehem kull wiehed fil-Bank of Valletta plc. Kull parti qed tigi assenjata dawk l-ishma registrati f’ismu jew f’isimha.

Illi hemm zewg karozzi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li huma:

- Karozza tat-tip Fiat Panda Reg Nru HUB 795 li qed tigi assenjata lill-attrici.

- Karozza tat-tip Mitsubishi Lancer Reg Nru DAA 013 li qed tigi assenjata lill-konvenut.

Illi wkoll minhabba dak fuq ndikat u *arbitro boni viri* l-attrici qed tigi assenjata l-oggetti mobbli kollha li hija hadet meta

telqet mid-dar matrimonjali u qed tigi assenjata wkoll is-salott flimkien mal-*coffee table*, l-linfa u l-brazzi parigg, il-pitturi u l-oggetti tal-kristall (indikati fl-inventarju taht it-titolu *sitting room* [a fol. 255 tal-process]). Ma' dawn qed tigi assenjata wkoll il-mobbli li hemm fl-intrata ndikati fl-inventarju pprezentat mill-attrici taht it-titolu *entrance* (a fol. 255 tal-process). Illi l-kumplament tal-mobbli qed jigu assenjati lill-konvenut. Dan *tenendo* kont tal-fatt li l-attrici meta telqet mid-dar diga` kienet hadet xi oggetti mobbli u fil-maggor parti taghhom dan sar bi ftehim mal-konvenut.

Illi l-attrici qed tigi assenjata wkoll l-gojjellerija kollha li hija hadet maghha meta telqet mid-dar b'dan izda li l-konvenut qed jigi assenjat *brooch* li kien inghata lill-partijiet miz-zija tal-konvenut Josephine Borg.

Illi l-ispejjez kollha li l-konvenut hallas in konnessjoni mal-kawzi civili fuq dik li kienet id-dar matrimonjali ghandhom jigu sopportati mill-konvenut minhabba r-ragunijiet fuq indikati u biex jaghmel tajjeb u bi tpacija ghall-flejjes zbankati mill-konvenut mid-depoziti bankarji fuq dettaljatament indikati.

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex skond il-ligi tirriverti ghal kunjom xbubitha, Bonello.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut,** u dan biss fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz, konformi ma' dak deciz, konsegwenti ghat-talbiet fic-citazzjoni attrici,** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenut biss fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li principarjament il-konvenut kien responsabbli u hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attrici li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Illi pero` l-attrici wkoll

ikkommettiet adulterju u kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-kontro-talba u tordna c-cessjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din id-decizjoni u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet bil-mod indikat f'din id-decizjoni u wkoll konsegwenti u konformament ma' dak deciz *in vista* tar-raba' (4) talba tac-citazzjoni attrici, u allura bil-mod fuq deciz.

3. Tichad it-tielet talba *stante* li fic-cirkostanzi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u minflok tordna li dik li kienet d-dar konjugali u cjoe' l-fond "Mater Dei", Triq il-Hemel, Swieqi ghandha tinbiegh b'subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom;

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens li z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, u fil-fatt qed jigi applikat kontra kull parti d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------